**291. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joe Brincat, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Estimi Ġenerali ta' l-ispiża għas-sena 1981; u l-Estimi Supplimentari ta' l-ispiża għas-sena 1980.

Provvedimenti Ġenerali

1. Illi jekk il-Kamra tiltaqa' fil-għodu, hi għandha tiltaqa' fid-9.00 a.m., u l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol għandu jkun fis-siegħa (Ref. Ordni Permanenti 8(1) u (9));

2. Illi jekk il-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, għandu jsir biss xogħol tal-Gvern (Ref. Ordni Permanenti 8 (2)).

1. ESTIMI ĠENERALI

(A) Kumitat ta' Provvista

1. Illi meta l-Kamra tkun f'Kumitat ta' Provvista, fil-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol, kuljum, iċ-Chairman iqiegħed għal vot il-mistoqsija li dak il-ħin tkun taħt konsiderazzjoni u jkompli jqiegħed għall-vot il-mistoqsijiet fuq il-voti ta' l-Estimi wieħed wara l-ieħor, kif jidhru fuq l-Agenda għal dik il-ġurnata, mingħajr ma titħalla diskussjoni; iżda emendi jistgħu jkunu mressqa minn Ministri u jitqiegħdu għal vot mingħajr diskussjoni (Ref. Ordni Permanenti 71 (f)) u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni;

2. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu qabel id-9.00 p.m. fil-ġranet tal-Kumitat ta' Provvista, ma jitteħdux fil-ħin li fih jintalbu, iżda jittieħdu fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta li tkun; billi l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti li terġa' tintalab, u l-votazzjonijiet l-oħra kollha, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament wara, mingħajr ma jgħaddu immedjatament wara, mingħajr ma jgħaddu l-għoxrin minuta bejn votazzjoni u oħra. (Ref. Ordni Permanenti 84);

3. Illi fil-jiem imħollija għal Kumitat ta' Provvista, il-voti għandhom jittieħdu kif jidhru hawn taħt:

L-EWWEL JUM

PRIM MINISTRU

Vot 1 - Uffiċċju tal-President

| | | |
|---|---|---|
| Vot 2 | - | Kamra tad-Deputati |
| Vot 3 | - | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| Vot 4 | - | Forzi Armati ta' Malta |
| Vot 5 | - | Avjazzjoni Ċivili |
| Vot 6 | - | Statistika |
| Vot 7 | - | Pulizija |
| Vot 8 | - | Ħabs |
| Vot VII | - | Żvilupp ta' L-ajruport |

MINISTERU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN

| | | |
|---|---|---|
| Vot 9 | - | Affarijiet Barranin |

IT-TIENI JUM

MINISTERU TAL-FINANZI, DWANA U INVESTIMENTI FINANZJAJRI TAL-POPLU

| | | |
|---|---|---|
| Vot 10 | - | Finanzi |
| Vot 11 | - | Teżor |
| Vot 12 | - | Servizzi Mixxellani |
| Vot 13 | - | Pensjonijiet |
| Vot 14 | - | Dejn Pubbliku u Piżijiet fuq Bini |
| Vot 15 | - | Taxxi Interni |
| Vot 16 | - | Dwana |
| Vot 17 | - | Uffiċċju ta' l-Uditur |
| Vot S.37 | - | Servizzi u Provvisti Diversi |

IT-TIELET JUM

MINISTERU TAX-XOGĦOL, KULTURA U GĦAJNUNA SOĊJALI

| | | |
|---|---|---|
| Vot 18 | - | Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali |
| Vot 19 | - | Sigurta' Nazzjonali |
| Vot 20 | - | Mużew |
| Vot XIII | - | Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali |

MINISTERU TAL-KUMMERĊ, INDUSTRIJA U INDUSTRIJI PARSTATALI U TAL-POPLU

| | | |
|---|---|---|
| Vot 28 | - | Kummerċ, Industrija u Industriji Parastatali u tal-Poplu |

IR-RABA' JUM

MINISTERU TA' L-IŻVILUPP, ENERĠIJA, PORT U TELEKOMMUNIKAZZJONIJIET

| | | |
|---|---|---|
| Vot 24 | - | Ministeru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet |
| Vot 25 | - | Posta |
| Vot 26 | - | Portijiet |
| Vot I | - | Tiswija ta' Vapuri (u bini tagħhom) |
| Vot II | - | Telekommunikazzjonijiet |
| Vot III | - | Żvilupp ta' Industriji |
| Vot XI | - | Żvilupp tal-Port |
| Vot XII | - | Elettriku |

IL-ĦAMES JUM

MINISTERU TAX-XOGĦLIJIET U SPORT

| | | |
|---|---|---|
| Vot 21 | - | Xogħlijiet |
| Vot 22 | - | Ilma |
| Vot 23 | - | Dawl tat-Toroq |
| Vot VIII | - | Ilma |

| | | |
|---|---|---|
| Vot IX | - | Toroq |
| Vot X | - | Drenaġġ |
| Vot XIV | - | Sport, Bini u Ġonna Pubbliċi |

IS-SITT JUM

MINISTERU TAT-TURIŻMU

| | | |
|---|---|---|
| Vot 30 | - | Ministeru tat-Turiżmu |
| Vot VI | - | Turiżmu |

MINISTERU TAS-SAJD U AGRIKOLTURA

| | | |
|---|---|---|
| Vot 27 | - | Biedja |
| Vot IV | - | Biedja u Sajd |
| Vot V | - | Impriża għall-bejgħ tal-ħalib |

IS-SEBA' JUM

MINISTERU TAS-SAĦĦA U TA' L-AMBJENT

| | | |
|---|---|---|
| Vot 29 | - | Saħħa |
| Vot XV | - | Saħħa u Ambjent |

IT-TMIEN JUM

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA, ARTIJIET, DJAR U AFFARIJIET TAL-PARLAMENT

| | | |
|---|---|---|
| Vot 33 | - | Legali |
| Vot 34 | - | Servizz Ġudizzjarju |
| Vot 35 | - | Artijiet |

Vot 36 - Djar

Vot XVII - Djar

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI

Vot 31 - Edukazzjoni

Vot 32 - Biblijoteki

Vot XVI - Edukazzjoni

(B) Riżoluzzjoni skond l-Ordni Permanenti Nru. 82 u Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni

4. Illi l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni ta' somma għas-servizz għas-sena 1981 ikun, jekk meħtieġ, eżenti mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (Ref. Ordni Permanenti Nru. 94); u

5. Illi d-diskussjoni fuq:

(a) Ir-Riżoluzzjoni skond l-Ordni Permanenti Nru. 82; u

(b) L-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni, li huwa dikjarat urġenti skond l-Ordni Permanenti Nru. 93;

tista' ssir f'seduta waħda, li fiha l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ikun fid-9.30 p.m.; u li l-ħin ta' l-aġġornament ma jitteħidx u l-Kamra taġġorna mingħajr ma ssir il-mistoqsija;

6. Illi fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ta' din is-seduta tista' ssir mingħajr ebda diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex jintemm ix-xogħol tal-Kamra kif speċifikat fl-agenda għal dak inhar (viz. Riżoluzzjoni u l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni); iżda emendi jistgħu jkunu mressqa minn Ministri u jitqiegħdu għal vot mingħajr diskussjoni (Ref. Ordni Permanenti Nru. 71 (b)); u

7. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu fi kwalunkwe' stadju ta' din is-seduta, ma jitteħdux fil-ħin li fih jintalbu, iżda jittieħdu fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol; billi l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti li terġa' tintalab, u l-votazzjonijiet l-oħra kollha, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament wara, mingħajr ma jgħaddu l-għoxrin minuta bejn votazzjoni u oħra (Ref. Ordni Permanenti Nru. 84).

## 2. ESTIMI SUPPLIMENTARI

1. Illi l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni ta' somma għas-sena 1980 ikun, jekk meħtieġ, eżenti mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (Ref. Ordni Permanenti Nru. 94) u jkun dikjarat urġenti u l-istadji tiegħu kollha jistgħu jittieħdu f'seduta waħda (Ref. Ordni Permanenti Nru. 93);

2. Illi l-proċedura kollha dwar dawn l-Estimi Supplimentari ma għandhiex tieħu aktar minn seduta waħda; u li f'din is-seduta l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ikun fid-9.30 p.m.; u li l-ħin ta' l-aġġornament ma jitteħidx u l-Kamra taġġorna mingħajr ma ssir il-mistoqsija;

3. Illi d-diskussjoni:

(a) fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni ta' Estimi Supplimentari ta' Nefqa għas-sena 1980; u

(b) fil-Kumitat ta' Provvista; u

(c) fuq ir-Riżoluzzjoni li tawtorizza n-nefqa; u

(d) fuq l-Abbozz ta' Liġi ta' Approprjazzjoni fl-istadji kollha;

għandha tieqaf fid-9.30 p.m., jekk ma tkunx intemmet qabel, u li f'dan il-ħin issir, mingħajr diskussjoni, kull mistoqsija li jkun hemm bżonn dwar il-bqija tal-proċedura kollha, kif imsemmi fil-paragrafu 2; u kif stipulata f'dan il-paragrafu;

Iżda fil-Kumitat ta' Provvista, kif ukoll fil-Kumitat ta' l-Abbozz ta' Liġi ta' Approprjazzjoni, anke jekk ikun għadda l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, Ministru jista' jressaq emendi u jew klawsoli ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u l-Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid f'dawn il-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, je klawsoli, jew klawsoli ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħjar diskussjoni; u

4. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, kif stipulata fil-paragrafu 3, ma jitteħdux fil-ħin li fih jintalbu, iżda jittieħdu fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol; u billi l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti li terġa' tintalab, u l-votazzjonijiet l-oħra kollha, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament wara, mingħjar ma jgħaddu l-għoxrin minuta bejn votazzjoni u oħra (Ref. Ordni Permanenti Nru. 84).

18.11.1980